**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2008**
**DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv**

| IL-ĦAMES SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: Siegħa |
|---|---|---|

Isem ______________________________________________

Klassi ___________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi.
  TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.





**A (i) It-Turiżmu: Tipi ta' Xogħol**
**Qabbel is-servizz ma' min jagħmlu.**

   

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Inwassal lit-turisti mill-ajruport sal-lukanda. | | xufier tal-kowċ |
| 2 | Nirrakkonta xi ġrajja mill-istorja ta' Malta lit-turisti waqt żjara f'xi post storiku. | | kok |
| 3 | Nipprovdi kmamar lit-turisti waqt il-mawra tagħhom. | | gwida |
| 4 | Inqassam ikel u xorb lit-turisti f'ristorant. | **1** | xufier tat-taxi |
| 5 | Nieħu grupp ta' turisti jgawdi xi festa tar-raħal. | | sid ta' lukanda |
| 6 | Nipprepara l-ikel għat-turisti fil-kċina tal-lukanda. | | wejter |

**(5 marki)**

**A (ii) Aqta' sing taħt it-tweġiba l-<u>ĦAŻINA</u>.**

1. It-turisti jiġu fil-gżejjer Maltin biex (igawdu x-xemx u l-baħar, jiddevertu u jistrieħu, jaħdmu u jagħtu servizz, iżuru postijiet storiċi u preistoriċi).

2. Meta jżuru l-gżejjer Maltin, it-turisti jistennew (kumdità, prezzijiet għoljin, indafa, imġiba tajba).

**(2 marki)**

**A (iii) Wieġeb:** Kif għandu jkun is-servizz fit-turiżmu?

______________________________________________

**(2 marki)**

**B. Imla l-vojt bil-kliem t'hawn taħt:**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| blat | qawwa | forom | diżastri | theżżiż | ħsarat | spieri | silġ |

Terremoti huma _________________ ta' l-art minħabba ċaqliq tal-blat taħt l-art. Ikun hawn terremoti li bilkemm jinħassu u oħrajn li joħolqu _________________ sħaħ. Il-_________________ ta' terremot tiddependi fuq kemm ikun hemm _________________ li jinqasam.

Terremot jista' jħalli _________________ fuq il-pajsaġġ naturali. Valangi ta' _________________ jistgħu jinżlu mal-ġnub tal-muntanji.

Bidliet fil-_________________ tal-pajsaġġ joħolqu problemi għal min irid jivvjaġġa minn post għall-ieħor. Sorsi naturali, bħal _________________, jistgħu jintilfu.

**(8 marki)**

**Ċ. L-Ibliet il-Qodma Maltin**

**Ċ (i) Kompli s-sentenza biex turi għaliex l-Imdina nbniet f'post għoli 'l bogħod mill-baħar, f'nofs il-gżira ta' Malta.**

L-Imdina nbniet f'dan il-post għax fl-antik ________________________________

________________________________________________________________.

**(2 marki)**

**Ċ (ii) Kompli s-sentenzi biex turi l-importanza ta' dawn il-postijiet matul iż-żmien.**

1. **Il-Kastell Sant'Anġlu** jinsab fil-Birgu. Dan il-bini kien importanti fi żminijiet medjevali għax ________________________________________________

   ________________________________________________________________.

2. **Iċ-Ċitadella** hi mibnija fil-għoli f'nofs il-gżira t'Għawdex. Din il-belt kienet importanti għax ________________________________________________

   ________________________________________________________________.

**(4 marki)**

**Ċ (iii) Agħżel il-belt il-qadima li fiha jinsab dan il-bini.**
**Immarka (✓) l-kolonna t-tajba.**
**Ara l-eżempju.**



**It-Torri ta' l-Istandard**



**Il-Mużew tal-Katidral**



**Il-Mużew Marittimu**



**Id-Dar Normanna**



**Il-Palazz tal-Inkwiżitur**



**Il-Katidral**

| Bini | Birgu | Ċittadella | Mdina |
|---|---|---|---|
| **Eżempju**:<br>L-Ordni ta' San Ġwann kienet tuża din l-**Armerija** qabel ma nbniet il-belt Valletta. | ✓ | | |
| Żmien ilu, l-għassiesa tal-belt kienu joqogħdu fit-**Torri ta' l-Istandard.** | | | |
| Fil-**Mużew tal-Katidral** hemm oġġetti prezzjużi għall-wiri. Fost dawn l-oġġetti nistgħu naraw pitturi u statwi. | | | |
| Żjara lill-**Mużew Marittimu** tgħinek biex issir taf dwar l-istorja ta' l-opri tal-baħar f'Malta. | | | |
| **Id-Dar Normanna** hi mimlija b'ħafna affarijiet antiki u interessanti. | | | |
| **Il-Palazz tal-Inkwiżitur** kien jintuża bħala qorti. | | | |
| **Il-Katidral** huwa ddedikat lil Santa Marija. | | | |

**(6 marki)**

**D. Aqra dwar il-Logħob Olimpiku.**

Il-Logħob Olimpiku huwa kompetizzjoni internazzjonali ta' sports differenti. Din il-kompetizzjoni ssir f'pajjiżi differenti tad-dinja. Dawk li jipparteċipaw ikunu ġejjin minn ħafna pajjiżi, fosthom Malta.

Is-simbolu tal-Logħob Olimpiku Modern huwa l-bandiera Olimpika. Barra minn dan hemm simboli oħrajn marbutin ma' dan il-Logħob, fosthom it-Torċa Olimpika. Il-Wegħda Olimpika tingħad fiċ-ċerimonja tal-ftuħ ta' l-Olimpjadi.

Illum, miljuni ta' nies madwar id-dinja jaraw dan il-Logħob permezz tal-*media*.

**D (i) Imla l-vojt.**

1. Il-Logħob Olimpiku jsir darba kull __________________ snin.

2. Il-bandiera Olimpika fiha __________________ ċrieki.

**(2 marki)**

**D (ii) Wieġeb.**

1. X'ifissru **ċ-ċrieki** li jidhru fuq il-bandiera Olimpika?

______________________________________________________________________

2. X'inhu **l-ideal** tal-Logħob Olimpiku?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(4 marki)**

**D (iii)** 1. Ikteb ERBA' **dixxiplini sportivi** fil-Logħob Olimpiku **tal-lum**.

________________________________  ________________________________

________________________________  ________________________________

2. Ikteb ERBA' **dixxiplini** fil-Logħob Olimpiku **ta' l-imgħoddi**.

________________________________  ________________________________

________________________________  ________________________________

**(8 marki)**

**D (iv) Ikteb TLIET sentenzi biex turi x'kien jemmen Pierre de Coubertin dwar l-isport.**



______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(6 marki)**

**E (i) L-Effett li għandu t-Temp Estrem.**
**Aqra s-sentenza u ikteb il-kelma t-tajba.**
**TLIETA biss huma tajbin.**






| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| għargħar | terremot | ħamla | nixfa | urugan |

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Ilma tal-wied li jkaxkar il-ħamrija u kull ma jsib. | ____________________ |
| 2 | Maltempati kbar fix-xhur tal-ħarifa. | ____________________ |
| 3 | Ħamrija niexfa qoxqox fis-sajf. | ____________________ |

**(3 marki)**

**E (ii) X'jista' jsir biex ikun evitat il-periklu tal-ħamla? Agħti ŻEWĠ eżempji.**

1. ____________________________________________

2. ____________________________________________

**(2 marki)**

**E (iii) Aqra u imla l-vojt.**

Il-familja ta’ Marco, li joqogħdu Milan, jieħdu pjaċir iqattgħu l-vaganzi tas-sajf jgħumu fix-xtajtiet Maltin u Għawdxin.

Is-sena li għaddiet il-familja ta’ Marco ma setgħetx tiġi Malta. Marco kien jieħu gost iċempel lil kuġintu Maltija u ħafna drabi kienu jitkellmu dwar il-klima tal-postijiet fejn joqogħdu.

Marta: Għadna kif ġejna lura mill-baħar daqskemm kienet sħana llum.
It-temperatura hi _______ °C u r-raġġi UV huma _______, wieħed mill-ogħla dan is-sajf.

Marco: Mela mhux bħal Milan għax illum kelli nilbes ____________ daqs kemm hu bard!

Marta: Hawn Malta s-sema kaħlani u x-xemx tisreġ.
Kulħadd liebes ħwejjeġ ____________.

Marco: Ix-xemx f’Milan ilha ma tidher jumejn u llum għamlet ħafna ____________.
Kemm nixtieq qiegħed hemm!

**(5 marki)**

**F (i) Dak li nagħmlu jaffettwa ’l oħrajn, ukoll jekk joqogħdu ’l bogħod minna. Ikteb x’tista’ tagħmel int biex ikollna dinja aħjar.**

1. Nista’ ngħin biex ikollna ndafa fl-ambjent billi ______________________________

______________________________________________________________

2. Insaħħaħ il-ħbiberija u l-paċi meta ________________________________________

______________________________________________________________

3. Nista’ ngħin lil min hu fil-bżonn billi ____________________________________

______________________________________________________________

4. Nuża l-email biex _______________________________________________________

______________________________________________________________

**(8 marki)**

**F (ii) Ikteb sentenza dwar kif dawn in-nies qed jgħinu lill-komunità.**

1. L-għalliema ______________________________________

______________________________________________



2. It-tobba ______________________________________

______________________________________________



3. Il-pulizija ______________________________________

______________________________________________



4. Il-gwardjani lokali ______________________________

______________________________________________



**(8 marki)**

**Ġ. Ikteb VERU jew FALZ.**
**Qabbel bi vleġġa biex tagħżel raġuni tajba għal kull tweġiba.**
**Ara l-eżempju.**



| | | | |
|---|---|---|---|
| **Eżempju**: Gonsalvo Monroy xtara l-gżejjer Maltin għas-somma ta' ħamsin elf fjorin. | | Tweġiba: **Falz** Raġuni: • | Monroy ried jaqla' aktar flus u jsir aktar sinjur mill-Maltin li kienu fqar. |
| 1. | It-taxxi ta' Monroy kienu ħorox. | Tweġiba: ______ Raġuni: • | Kien hemm nuqqas ta' ħarsien mill-attakki tal-furbani. |
| 2. | Il-Maltin daru kontra Monroy. | Tweġiba: ______ Raġuni: • | **Is-somma kienet ta' tletin elf fjorin.** |
| 3. | Fi żmien Monroy il-gżejjer Maltin kienu mħarsin mill-għedewwa. | Tweġiba: ______ Raġuni: • | Monroy ħafer l-aħħar għaxart elef fjorin li kien baqa' jinġabru meta kien se jmut. |
| 4. | Alfonso ta' Aragona wiegħed li jagħti lil Malta lil xi sinjur ieħor. | Tweġiba: ______ Raġuni: • | Il-Maltin irvellaw u ħatfu d-dar ta' Monroy fl-Imdina. |
| 5. | Monroy baqa' qalbu kiefra sal-mewt. | Tweġiba: ______ Raġuni: • | Il-Maltin ġabru l-flus li kien ħallas Monroy biex ħa lil Malta u r-Re żamm kelmtu. |

**(10 marki)**

**G. Agħżel WIEĦED minn dawn.**
**Ikteb ĦAMES sentenzi.**

1. Ikteb dwar **il-komunikazzjoni** u **kif aħna nistgħu nikkomunikaw bejnietna**.

2. Ikteb dwar **l-Akwakultura f'Malta** u **xi vantaġġi ta' l-akwakultura fuq il-metodi l-oħra tas-sajd tradizzjonali**.

3. Immaġina kif setgħet kienet il-ħajja f'belt qadima fil-passat.
Agħżel waħda minn dawn: l-Imdina jew il-Birgu jew iċ-Ċittadella.
**Ikteb dwar il-ħajja tan-nies u l-biżgħat tagħhom f'belt qadima fi żmien l-imgħoddi.**

**(15-il marka)**

**TMIEM IL-KARTA**